

32003D0903

24.12.2003

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 340/65

## ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-10 ta' Diċembru 2003

**li tadotta l-pjan għall-allokazzjoni lejn ir-riżorsi tal-Istati Membri li għandhom jitħallsu mill-bagittas-sena 2004 għall-provvista ta' l-ikel mil-ħażniet ta' l-intervent għall-benefiċċju tal-persuni l-aktar m'caħhda fil-Komunità**

(notifikata permezz ta' dokument numru K(2003) 4868)

(2003/903/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3730/87 ta' l-10 ta' Diċembru 1987 li jstabbilixxi r-regoli ġenerali għall-forniment ta' l-ikel minn ħażniet ta' l-intervent lill-organizzazzjonijiet nominati għad-distribuzzjoni lejn il-persuni l-aktar fil-bżonn fil-Komunità<sup>(1)</sup>, u partikolarment l-Artikolu 6 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2799/98 tal-15 ta' Diċembru 1998 li jstabbilixxi l-arranġamenti agrimonetari għall-euro<sup>(2)</sup>, u partikolarment l-Artikolu 3(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Bi qbil ma l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3149/02 li jstabbilixxi r-regoli dettaljati għall-provvista ta' l-ikel minn ħażniet ta' l-intervent għall-benefiċċju ta' persuni l-aktar fil-bżonn għewwa l-Komunità<sup>(3)</sup>, il-Kummissjoni għandha tadotta pjan ta' distribuzzjoni li għandu jkun iffinanzjat mir-riżorsi disponibbli fis-sena tal-*budget* 2004. Il-pjan għandu jstabbilixxi partikolarment, għal kull Stat Membru li japplika l-miżura, ir-riżorsi finanzjarji massimi disponibbli sabiex iwettaq l-parti tiegħu tal-pjan, u l-kwantità ta' kull tip ta' prodott li għandha tkun meħudha mill-ħażniet miżmuma mill-aġenziji ta' l-intervent.
- (2) L-Istati Membri involuti fil-pjan kienu fornew l-informazzjoni meħtieġa bi qbil ma l-Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 3149/92.
- (3) Għall-iskopijiet ta' l-applikazzjoni tar-riżorsi, qies għandu jittieħed ta' l-esperjenza u l-grad li dwaru l-Istat Membru jutilizza ir-riżorsi allokati lilu fis-snin preċedenti.
- (4) It-trasferimenti intra-Komunitariji meħtieġa sabiex iwasslu l-pjan fil-qofol tiegħu għandhom ukoll ikunu awtorizzati permezz tal-kondizzjonijiet li hemm provvediment dwarhom fl-Artikolu 7 tar-Regolament (KEE) Nru 3149/92.

- (5) Għall-implementazzjoni tal-pjan, l-aspett operattiv fil-qofol tat-tifsira ta' l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 279/98 għandu jkun id-data li fiha tibda s-sena finanzjarja għall-amministrazzjoni tal-ħażniet fil-ħażna pubblika.
- (6) Sabiex ikun irrispettat l-iskop tal-pjan, id-distribuzzjoni tal-prodotti għandha tkun imqassma matul is-sena.
- (7) Bi qbil ma l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KEE) Nru 3149/92, il-Kummissjoni fittxet il-parir ta' l-organizzazzjonijiet ewlenija li huma familjari mall-problemi tal-persuni l-aktar im'caħhda fil-Komunità meta kienet tħejji dan il-pjan.
- (8) Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'din id-Deċiżjoni huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat kollha relevanti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

## L-Artikolu 1

Għas-sena finanzjarja 2004, ta' l-oġġetti ta' l-ikel għad-distribuzzjoni lejn il-persuni l-aktar im'caħhda fil-Komunità permezz tar-Regolament (KEE) Nru 3730/87 għandhom ikunu fornuti skond il-pjan annwali tad-distribuzzjoni kif muri fl-Anness I.

## L-Artikolu 2

L-operazzjonijiet għat-trasferiment intra-Komunità elenkati fl-Anness II huma b'hekk awtorizzati.

## L-Artikolu 3

Sabiex ikun implementat il-pjan annwali, id-data operattiva tal-fatt kif referut fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2799/98 għandha tkun l-1 ta' Ottubru 2003.

<sup>(1)</sup> ĠU L 352, tal-15.12.1987, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2535/95 (ĠU L 260, tal-31.10.1995, p. 3).

<sup>(2)</sup> ĠU L 349, ta' l-24.12.1998, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 313, tat-30.10.1992, p. 50. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1921/2002 (ĠU L 293, tad-29.10.2002, p. 9).

*L-Artikolu 4*

Meta l-kwanità tal-prodotti distribwiti teċċedi il-500 tunnellata, l-Istati Membri parteċipanti għandhom iżidu dispożizzjonijiet xierqa fl-istedina għall-offerti sabiex jassiguraw li l-kwantitajiet muriġa fil-tabella ta' l-Anness 1(b) ikunu s-suġġett ta' diversi operazzjonijiet tad-distribuzzjoni matul il-korsa tal-pjan annwali sabiex jittieħed qies tal-kapaċità tal-istituzzjonijiet tal-karità.

*L-Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-10 ta' Diċembru 2003.

*Għall-Kummissjoni*

Franz FISCHLER

*Membri tal-Kummissjoni*

\_\_\_\_\_

## L-ANNESS I

## Pjan annwali tad-distribuzzjoni għall-2004

(a) Riżorsi finanzjarji li huma disponibbli għall-implementazzjoni tal-pjan f'kull wieħed mill-Istati Membri

(EUR)

L-Istat Membru	L-allokkazzjoni
Il-Belġju	3 439 000
Id-Danimarka	168 000
Il-Greċja	10 899 000
Spanja	37 286 000
Franza	47 453 000
L-Irlanda	207 000
L-Italja	56 481 000
Il-Lussemburgu	42 000
Il-Portugall	14 146 000
il-Finlandja	2 879 000
Total	173 000 000

(b) Il-kwantità ta' kull tip ta' prodott li għandu jittieħed mill-ħażniet ta' l-intervent tal-Komunità għal distribuzzjoni lejn kull Stat Membru li huma suġġetti għall-ammonti massimi stabbiliti fi (a)

(tunnellati)

L-Istat Membru	Prodott				
	Ċereali	Ross (fil-fosdqa)	Butir	Trab tal-ħalib	anga u vitella (ekwivalenti tal-karkasi)
Il-Belġju	7 000	2 000	600		
Id-Danimarka					53
Il-Greċja	26 000	15 630		1 500	
Spanja	70 000	24 520	6 430		
Franza	58 000	27 077		15 200	
L-Irlanda			60		
L-Italja	90 000	15 000	12 248		
Il-Portugall	15 000	15 000	2 278		
il-Finlandja	15 000			595	
Total	281 000	99 227	21 616	17 295	53

(c) Allokkazzjoni għall-Lussemburgu bil-għan tax-xiri fis-suq tal-Komunità ta':

- trab tal-ħalib: EUR 26 000,
- ċanga u vitella: EUR 16 000.

## L-ANNEX II

**Trasferimenti intra-Komunità awtorizzati permezz tal-pjan għall-2004**

Prodott	Kwantità (tunnellati)	Detentur	Konsenjant
Ċereali	26 000	ONIC, Franza	Il-Ministeru ta' l-Agrikoltura, il-Greċja
Ċereali	70 000	ONIC, Franza	FEGA, Spanja
Ċereali	15 000	ONIC, Franza	INGA, Portugall
Ċereali	90 000	ONIC, Franza	AGEA, Italja
Ross	2 000	Ente Risi, Italja	BIRB, Belġju
Ross	15 000	FEGA, Spanja	INGA, Portugall
Trab tal-ħalib	15 200	BIRB, Belġju	Il-Ministeru ta' l-Agrikoltura, Franza